# LECTIO DIVINA

# L-EWWEL ĦADD TAR-RANDAN (B)

## Mk 1,12-15

**Introduzzjoni ġenerali – Tqassim tal-Kelma ta' Alla tul ir-Randan**

Fiż-żmien qawwi tar-Randan, il-Kelma ta' Alla, aktar minn kull żmien ieħor tistedinna għall-*konverżjoni* permezz ta' mixja; pass pass mal-Kelma ta' Alla. L-ewwel qari flimkien mal-Vanġelu jkunu marbuta b'mod strett, u flimkien jiffurmaw l-iStorja ta' Salvazzjoni li tilħaq il-qofol tagħha fit-Tridu Qaddis tal-Għid.

Din is-sena (B), fir-Randan, il-qari tal-A.T. prinċipalment jitratta l-*patt* (alleanza) li Alla jagħmel mal-bniedem (Noè, Abraham, l-għoti tal-Liġi, l-Eżilju, Ġeremija). Il-Vanġeli jinqasmu fi tliet tappi: 1) it-Tentazzjonijiet u t-Trasfigurazzjoni (preżenti f'kull ċiklu), 2) it-tielet, ir-raba' u l-ħames Ħadd, fejn naraw katekeżijiet dwar il-Qawmien – it-Tempju, is-Salib merfugħ; sinjal ta' glorja u l-ħabba tal-qamħ – ilkoll minn San Ġwann, u 3) f'Ħadd il-Palm, naraw lil Ġesù bis-salib f'mixja lejn il-Glorja.

Mark hu qasir fir-rakkont tiegħu tat-*tentazzjonijiet*. Għalhekk wieħed irid iżomm f'moħħu d-dettalji li jirrakkuntaw Mattew u Luqa. (Dawn jibnu t-tentazzjonijiet fuq dawk li ġarrab il-poplu Lhudi fid-deżert [ara Dt 8,3; 6,16; 6,13 u Eż 16; 17,1-7; 32])

**"Imbgħad minnufih l-Ispirtu ħarġu fid-deżert. U baqa' fid-deżert erbgħin jum, jiġġarrab mix-xitan." (vv. 12-13b)**

"Imbgħad minnufih" jirreferi għall-waqt li Ġesù tela' mill-ilma tal-Ġordan, mimli bl-Ispirtu s-Santu, u l-Missier jagħmel l-istqarrija tiegħu (1,10-11); il-waqt li Ġesù joħroġ fil-pubbliku biex *jibda* l-missjoni tiegħu. L-Ispirtu *jixħet* lil Ġesù fid-deżert, u hemmhekk *minnufih* jibda jiġi mġarrab mix-Xitan. Huwa dak il-bniedem li ma jagħżilx lil Alla, li f'ħajtu ma jkollux tiġrib, li "f'ħajtu jħoss ruħu hieni, u jgħid li jfaħħruh għax jgħaddiha tajjeb" (Salm 49,19); "Ibni, jekk tiġi biex taqdi 'l Mulej ħejji ruħek għat-tiġrib" (Sir 2,1). Ġesù bniedem-Alla "bħalna f'kollox minbarra d-dnub" (Lhud 4,15) jissottometti ruħu anke għat-tiġrib tax-xitan.

“fid-deżert” (ἔρημον, tr. eremon), il-post tal-baħħ għax ma jikber xejn, u għalhekk il-post ta’ fejn wieħed jista’ jiltaqa’ miegħu nnifsu għax ma jtellfu xejn – eremitaġġ. Il-poplu ta’ Alla flimkien ma’ persunaġġi oħra kbar jiltaqgħu ma’ Alla, jiskopru s-sejħa tagħhom u jirċievu l-liġi f’dan il-post ta’ *eremitaġġ*. Hu ukoll il-post tan-namur tal-poplu ma’ Alla (ara Eż 3,1-2; Dt 32,10; Is 40,3; 43,19; Hos 2,16; Mt 3,1).

Il-bniedem li ma jidħolx fid-deżert, mhuwiex tant dak li jibża mill-baħħ, imma hu dak li ma jridx jiltaqa’ miegħu nnifsu; mal-verità. Allura hu l-bniedem aljenat, mhedi f’attività, il-bniedem li qed jiġri iva, imma qed jiġri barra mit-triq (ara Lq 10,39-42), jgħix ukoll fl-illużjoni, jikkuntenta jidħak bih innifsu.

“L-ispirtu ħarġu” (ἐκβάλλει, tr. ekballei)

Mhux biss il-kuraġġ jew id-deċiżjoni tiegħek jew ix-xewqa għall-integrità, jew il-kapaċitajiet l-oħra li jdaħħluk fid-deżert, imma hu *l-Ispirtu* li “jixtħek” hemm. “Ir-riħ (= l-ispirtu, τὸ πνεῦμα, tr. to pneuma) fejn irid jonfoħ; tisma’ ħossu, imma ma tafx mnejn hu ġej jew fejn hu sejjer. Hekk jiġri minn kull min jitwieled mill-Ispirtu.” (Ġw 3,8) Ma tistax tipprogrammah int jew tiddettalu. Huwa biss l-Ispirtu li jlaqqgħek mal-kruha u l-inkoerenzi tiegħek innifsek u jagħtik il-qawwa biex *jekk trid* tibda t-triq tal-konverżjoni; i.e. taċċetta d-dnub u l-inkonsistenzi tiegħek; tieħu responsabiltà tagħhom int. Din hija t-triq tal-qdusija.

“jiġġarrab mix-Xitan” (πειραζόμενος ὑπὸ τοῦ Σατανᾶ, tr. peiraxómenos upo tou Satana)

Fejn Alla jġarrab (prova) lill-bniedem biex minnu joħroġ it-tajjeb, il-virtujiet u jqawwi l-karattru tiegħu, ix-Xitan juża l-istess verb (l-istess azzjoni) b’intenzjoni oħra; dik li jittanta biex iwaqqa’ fil-ħażin, ikisser, jifred u jtellef. Anke l-bniedem, xi darba jkun irid iġarrab (jittanta) lil Alla.

Ġuditta, filwaqt li tfakkar fit-tiġrib li Alla ġarrab lil persunaġġi kbar: “Ftakru x’għamel ma’ Abraham, u kemm ġarrab lil Iżakk, xi ġralu Ġakobb...” (Ġdt 8,26), *tfaħħar* lil Alla għat-*tiġrib* li bih jogħoġbu jġarrab lill-bniedem: “Għal dan kollu niżżu ħajr lill-Mulej Alla tagħna, li qiegħed iġarrabna, bħalma għamel ma missirijietna” (Ġdt 8,25).

B’differenza minn Mattew u Luqa, Mark ma jispeċifikax kif u kemm-il darba Ġesù jiġi ttentat mix-Xitan. Fid-dawl tas-Sigriet Messjaniku (partikulari ta’ Mark), il-ħajja ta’ Ġesù kienet tentazzjoni waħda – li jħoss il-gost u s-sodisfazzjon uman li n-nies ssejjaħlu “l-Messija”; it-

tentazzjoni li *ma jaqdix* lill-bniedem u ma jkunx bħalu f'kollox; it-tentazzjoni li jgħaddi mill-ewwel għall-glorja billi jevita t-tbatija. Għalhekk "hu li kien bħalna f'kollox barra fid-dnub" (Lhud 4,15) kien kontinwament ittentat li jaħseb bħalma kienu jaħsbu l-bnedmin. Meta san Pawl jgħidilna "aħsbu bħalma kien jaħseb Kristu Ġesù" (Fil 2,5), ix-Xitan jittenta lil Ġesù biex jaħseb bħalma kienu jaħsbu l-bnedmin.

**"... Ġesù mar il-Galilija jxandar il-Bxara t-tajba ta' Alla u jgħid: 'Iż-żmien huwa mitmum, u s-Saltna ta' Alla waslet: indmu u emmnu fil-Bxara t-tajba." (vv. 14-15)**

"Iż-żmien huwa mitmum" – *Issa* hu ż-żmien (καιρὸς, tr. kairos) it-tajjeb. Wasal iż-żmien li kellu jasal u li fuqu tkellmu l-profeti. M'hemmx lok għal aktar stennija passiva. M'hemmx lok li nibqa' nippersisti fid-drawwiet il-qodma. M'hemmx aktar lok li nibqa' ndur fuqi nnifsi u nitlajja fid-drawwiet u d-dnubiet antiki tiegħi. Jeħtieġ li tittieħed azzjoni deċiżiva.

"Indmu" (μετανοεῖτε, tr. metanoeite) – Bidla tal-qalb, tal-intern l-aktar profond tal-bniedem. Hu aktar faċli li tibdel il-moħħ (intellett) u l-azzjonijiet li jidhru minn barra (rieda) milli l-qalb. *Kollox* (kull ma nagħmel, naħseb, nipprogramma, nipproġetta...) irid idur fuq Kristu, il-Kelma tiegħu u fuq dak li sejjaħli għalih (vokazzjoni). Dan kollu jrid ikun konsistenti mal-ħajja privata u personali tiegħi. Hu biss b'dan il-mod li int tkun tista' tgħid kemm int bniedem ta' fidi, i.e. kemm temmen (πιστεύετε, tr. pisteuete).

Għar-riflessjoni

È la prima sorpresa del deserto, come un frutto che si può cogliere solo lì: *non è l'uomo che fa esperienza di Dio, è piuttosto Dio che "sperimenta" l'uomo, lo cerca, lo scruta, lo mette alla prova*. La categoria "esperienza di Dio" è categoria moderna, che non esiste nella Bibbia (Von Balthasar). Nella prospettiva biblica il protagonista non è l'uomo ma Dio. Ed è quello che emerge con particolare evidenza nella fase sub-liminale: chi ha il coraggio di attraversare questa fase (senza la fretta d'uscirne) sperimenta un po' alla volta e sempre più lucidamente come sia Dio a venirgli incontro. È lui, il Padre, che ha l'iniziativa. Ecco perché l'uomo ha dovuto fare l'esperienza, pur sofferta, di perdere progressivamente il controllo della situazione, di non vederci chiaro, di non capire bene...: proprio per decidersi a lasciare a Dio l'iniziativa, per imparare quell'atteggiamento che viene cosi difficile all'uomo, l'*abbandono*.

... Abbiamo bisogno di essere purificati perché lo diventi ed è per questo che egli, Padre buono e misericordioso, ci visita con la prova. Crea per noi cioè quelle situazioni di deserto, di solitudine affettiva, di rifiuto da parte di qualcuno, di lotta e tribolazione, di fallimento e delusione... di cui abbiamo bisogno per essere liberati dai nostri idoli. È nella prova infatti che viene a galla che cosa veramente abbiamo in cuore, che cosa c'è di autentico e che cosa no. Si rivela cioè il nostro vero volto: i nostri attaccamenti a noi stessi, alla nostra buona reputazione, ai risultati di quel che facciamo, alle creature e alle cose.
In questa conoscenza di noi più vera e realistica, nella quale le illusioni cadono e non ci disorientano più, anche la voce di Dio risuona più chiara. Si è fatto finalmente un po' di silenzio, il Signore parla e noi lo possiamo ascoltare. Che cos'è l'esperienza di Dio nella fede se non alcoltare la sua voce, mettendosi nudi e senza difese davanti a lui che si rivela? Facciamo esperienza di lui quando riconosciamo la sua parola e il suo modo inconfondibile d'agire, e cominciamo a capire che ci conviene lasciarlo libero d'agire come lui crede, anche se ci fa male.
... *Non esiste vera conoscenza di Dio che non nasca nella solitudine di un deserto e non maturi tra le difficoltà della prova*. Ma tutto ciò – deserto e prova – è dono dell'amore di Dio, perché "il Signore corregge chi ama, come un padre il figlio prediletto" (Pro 3,12).

A. CENCINI, *Amerai il Signore Dio Tuo*, Bologna 1986$^{12}$, 85-87.